# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 208 – Il-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 207 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

## PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Id-Day Care Centre**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva direzzjoni mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex dwar is-self jitlob tlett kwotazzjonijiet mingħand il-banek kummeċjali. Huwa kompla jgħid li fil-jiem li ġejjin kien se jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-HSBC, BOV, u APS Bank. Id-direzzjoni tad-Dipartiment tkompli tgħid li l-*accountant* tal-Kunsill irid ukoll jagħmel 5-year cash flow.

**Ground tal-Football**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien infurmat mill-President tas-*Siġġiewi Football Club* li l-fondi li jonqos għall-proġett hija ta' madwar €60,000. Is-Siggiewi Football Club kien għadu qed jistenna biex jara kemm se jingħata għajnuna mingħand entitajiet oħra bħalma huma l-Good Causes Fund, qabel jagħmel it-talba formali lill-Kunsill Lokali.

**Monument Patri Ġużè Delia sj**

Il-Viċi-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-iskultur biex jiġi deċiż id-disinn tal-bażi tal-monument.

**Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol kien se jibda fi żmien jumejn u jieqaf l-Erbgħa 24 ta' Ġunju minħabba l-festa u jitkompla t-Tlieta 30 Ġunju.

**Talba mis-Siggiewi Brass Band**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kien irċieva tweġiba mingħand l-Arċipriet Fr Albert Buhagiar fejn informa li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba sakemm il-kolonna msemmija ma tostakolax armar eżistenti tal-knisja u ma tokkupax propjetà tal-Knisja, fosthom iz-zuntier madwar il-Knisja.

**Skema attivitajiet sportivi**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kienet se ssir laqgħa nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju mal-Kunsill Malti għall-Isport u d-dettalji jingħataw fis-seduta li jmiss.

**Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt kulturali (miżura 323)**

Is-Segretarju qal li rigward il-miżura 323 kien hemm 59 persuna li applikaw bit-talba titla' għal €809,360.77 li tinkludi l-VAT.

Rigward l-iskema 313, bil-għajnuna tas-sur Tony Pace, li huwa s-Supretedent tal-Wirt Kulturali, saret talba biex isiru heritage trails bit-talba titla' għal €317,278 li tinkudi l-VAT.

Sa issa għad m'hemmx tweġiba mill-Bord tal-Aġudikazzjoni.

## FINANZI

### Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.
Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:

Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

### Estimi tad-Dħul u l-Ħruġ għas-Sena Finanzjarja 2009-2010

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-estimi riveduti tad-Dħul u l-Ħruġ għas-sena finanzjarja 2009/10 (annessa). Huwa ippropona li dawn għandhom ikunu approvati.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Ħlasijiet ta' attivitajiet self-financing

Il-Kunsilliera Rita Psaila ilmentat li ħlasijiet għal diversi attivitajiet li huma self-financing, u li l-flus tagħhom ikunu inġabru minn qabel, qed ikollhom jistennew minħabba li mhux qed isiru qabel is-*schedule of payments* tkun approvata mill-Kunsill fl-eqreb seduta. Hija qalet li min jipprovdi s-servizz bħalma huma lukandi u ristoranti, jilmentaw li ġieli jdumu ma jitħallsu xahar.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja jekk pagament ta' attività self-financed jistax isir qabel dan ikun approvat mill-Kunsill.

## KORRISPONDENZA

### Talba mis-Siggiewi Youth Nursery

Is-Segretarju qal li kien irċieva talba mingħand is-Siggiewi Youth Nursery biex il-Kunsill jagħti donazzjoni għat-trofej. Il-Sindku qal li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba li r-regolamenti finanzjarji ma jippermettux tali donazzjonijiet.

**Talba mill-Kunsill Lokali Mqabba**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sindku tal-Imqabba, is-sur Noel Galea, kien wieġeb għall-ittra tagħna fejn konna infurmajnih li ma nistgħux nilqagħu t-talba tal-Kunsill tal-Imqabba biex nirrifondu l-ispejjeż għal xogħlijiet li saru fi Triq ta' Kandja u li aħna ma konniex tajna l-awtorizzazzjoni tagħna.

Is-sur Galea fl-ittra tiegħu qal li kien se jinforma lis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, u lis-sur Natalino Attard, Direttur għall-Gvern Lokali.

## RIŻOLUZZJONIJIET

**Riżoluzzjoni dwar użu tal-Fondi tal-UIF**

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni li taqra:

"Il-Kunsill Lokali mlaqqa' llum it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2009, jinnota li:-

(i) baqa' mingħajr tweġiba dwar l-użu tal-fondi tal-UIF biex ikopru l-ispejjeż tar-reġinerazzjoni tal-Public Convenience ta' Pjazza San Nikola;

(ii) li fejn tidħol il-lokalità tagħna l-ammont tal-UIF ilaħħaq €30,783.41

Jirriżolvi li japplika mal-MEPA biex juża dawn il-fondi kollha għall-bdil tal-aktar numru possibli tal-lampi eżistenti tal-*village core* għal fanali dekorattivi u li huma *energy saving*.
Il-Kunsill Dr Mark A. Vassallo issekonda bil-Kunsilliera kollha jaqblu.

## KUNTRATTI

**Ħruġ/tiġdid ta' tenders**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minħabba l-ammont sostanzjali ta' talbiet ta' patching li rriżultaw mill-maltemp straordinarju li seħħ fix-xitwa li għaddiet, u minħabba l-esiġenzi tal-Works Division li mhux dejjem qed ilaħħqu mat-talbiet magħmula mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, hem mil-ħtieġa li jiġi attivat il-kuntratt tal-patching works.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li kien irċieva talba mingħand Philip Agius & Sons biex il-kuntratt tagħhom ta' Maintenance & Construction of Pavements using concrete method ma jiġġeddidx għall-aħħar sena tiegħu.

Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## ĦWEJJEĠ OĦRA

**Skema Energy Saving**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand is-Segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni Skema Energy Saving fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni li l-applikazzjoni tagħna ġiet ikkunsidrata eleġibbli għall-fondi. Għal din ir-raġuni il-Kunsill se jingħata is-somma ta' €9,500 u għalhekk irridu noħorġu sejħa għall-offerti skond ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Kunsilli Lokali dwar l-offerti.

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu tender għal dan il-għan, u s-Segretarju għandu jara li jitħejja *tender document* relatat.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Talba biex jitneħħew diversi assi**

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda lista ta' assi li m'għadhomx operabbli u allura huma bla użu (annessa).
Is-Sindku ippropona li dawn għandhom jintremew u jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Festival tal-Inbid**

Il-Kunsillier Joseph Sammut qal li wara s-suċċess tal-Wirja Agrarja kien avviċinat mil-għaqda tal-produtturi tal-għeneb biex flimkien mal-Ministeru ……. Ikun organizzat festival tal-Inbid fid-29 t'Awwissu 2009.

Is-Sindku qal li għandu jsir business plan u tittieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

**Bankina fi Triq Dun Anton Vella**

Il-Viċi-Sindku qal li l-bankina f'din it-triq tinsab fi stat diżastruż.
Is-Sindku qal li għandha ssir l-ewwel stima tax-xogħol u tittieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

**Siġar tal-Pjazza**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ilmenta bis-sħiħ għal mod kif inżabru s-siġar tal-pjazza u qal li kien avviċinat min-numru kbir ta' nies li gergru miegħu dwar din il-materja. Huwa qal li l-mod kif saru l-affarijiet huwa inaċċettabli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab rapport mis-sur Joe Gatt, il-contract manager, li fih qal li meta investiga l-każ sab li allegatament is-sur Carlos Vassallo ta struzzjonijiet lill-kuntrattur Callus u qallu li kien hemm ftehim mal-Kunsill minħabba li l-weraq tas-siġar kienu qed itellfu l-bandaolori tal-festa.

Is-Sindku ippropona li tinktieb ittra lill-għaqda konċernata biex tinġibed l-attenzjoni dwar din il-materja, kif ukoll tinkiteb ittra lill-kuntrattur biex l-ordni tax-xogħol tittieħed biss mingħand il-Contract Manager.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Kiosks tal-Festa**
Is-Sindku qal li minħabba l-fatt li żdiedu r-residenzi fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra kif ukoll fi Triq Mons Mikiel Azzopardi fejn preżentament jintramaw il-kiosks tal-festa, kien irċieva diversi ilmenti dwar din il-materja.

Huwa qal li wara l-festa għandha ssir diskussjoni fil-Kunsill ħalli tinstab soluzzjoni. Din id-diskussjoni għandha ssir kmieni kemm jista' jkun biex il-partijiet konċernati jkunu avżati fi żmien stipulat kif mitlub mil-liġi.

**Talba għal-Linji sofor fi Triq Dun Manwel Zammit**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jirċievi diversi talbiet dwar periklu li hemm fl-imsemmija triq minħabba l-ipparkjar qrib l-entratura ta' drive in għal garaxxijiet.

Is-Sindku ippropona li għandha ssir talba lill-ADT.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fl-10.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **t-Tnejn 27 ta' Lulju, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci — Nikol Baldacchino

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum it-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2009